**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta' Novembru, 2016

Rikors Nru : 403/16 AL

**AB**
**U**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

1. Illi l-kontendenti partijiet kkuntrattaw iz-zwieg taghhom gewwa l-Kappella ta' San Girgor, Zejtun, nhar it-30 ta' April 2007 u dan skont kif ukoll jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg tar-rikorrenti hawn unit;
2. Illi l-kontendenti partijiet sseparaw biss *de* facto minn ma' xulxin fis-sena 2011, izda sussegwentement, u cioe fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014), il-partijiet addivjenew ghall-kuntratt ta' firda personali in atti Nutar Dottor Ruben

Casingena b’dan illi minn dik id-data ‘l quddiem l-istess partijiet rregolaw *de* jure l-aspetti kollha tas-separazzjoni personali taghhom u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta’ firda personali hawn anness u mmarkat bhala Dok. ‘A’;

3. Illi illum il-gurnata ghaddew hames (5) snin mid-data effettiva meta l-kontendenti partijiet sseparaw *de* facto u l-istess partijiet reciprokament jaqblu li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghalrikonciljazzjoni bejniethom;
4. Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg rrinunzjaw reciprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu manteniment fil-konfront ta’ xulxin;
5. Illi mill-imsemmii zwieg l-istess partijiet lanqas ma kellhom tfal u konsegwentement ma tezisti ebda lanjanza bejniet ir-rikorrenti dwar l-istess Istitut legali;
6. Illi in vista tal-permes evidentament jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghal halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talbu li din il-Qorti :

1. Tiddikjara li z-zwieg taghhom hu mahlul u Ii l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi; u
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jirregistrah skont il-ligi fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta’ Awissu, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom de facto separati mis-sena 2011 u legalment separati mit-3 ta’ Ottubru 2014;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.